MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 74/2010

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C-8692).

Vs

Jesmond Mallia u Il-Palma Agricultural Supplies & Services Co. Ltd.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu solidalment bejniethom is-somma ta' tlett mija u erba Ewro u tmien centezmi (€304.08), dovuta lis-socjeta' attrici bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 9 ta' Ottubru 2009 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li ecepew illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda

ghas-segwenti ragunijiet. Illi peress li Jesmond Mallia qatt ma kkuntratta u/jew innegozja personalment mal-kumpanija rikorrenti, huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u b'hekk ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju; illi meta kien ghadu jiggestixxi l-kumpanija konvenuta huwa qatt ma ghamel ordnijiet u/jew xtara merkanzija ghan-nom tal-kumpanija konvenuta liema kumpanija qedgha tiffaccja proceduri ta' stralc mitluba mill-konvenut inniffsu. Bl-ispejjes kontra l-kumpanija attrici.

Sema' x-xhieda ta' Marvin Sapiano prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Adrian Camilleri prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Jacqueline Mallia prodotta mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti fil-kawza odjerna, dan it-Tribunal jidhirlu li jirrizulta b'mod car illi l-konvenuti huma debituri in solidum tas-socjeta' attrici fis-somma mitluba fl-Avviz, u cioe dik ta' €304.08. Illi s-socjeta' attrici pproduciet provi sufficjenti dwar il-fatt li l-ordni ghall-merkanzija saret u giet anki konsenjata lill-konvenuti, u l-ammont mitlub baqa pendenti u ma thallasx.

Illi jirrizulta car ukoll li Jesmond Mallia ghamel snin jikkuntratta u jinnegozja direttament mas-socjeta' attrici u ghamel diversi ordnijiet minghandha u sahansitra dejjem hallas ghall-merkanzija li giet ikkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta hlief ghall-konsenja mertu ta' din il-kawza.

Illi minn-naha taghhom, il-konvenuti ma pproducew l-ebda prova konkreta li ghandha twassal dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom mhuwiex debitur tas-socjeta’ attrici, u ghalhekk, t-talba attrici ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jilqa t-talba attrici, u b’hekk jikkundanna l-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u erba ewro u tmien centezmi (€304.08) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------